# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

## ILLUM 16 TA' NOVEMBRU, 2000.

**Kawza Nru. 38.**

**Citazz. Nru. 1799/00 JRM.**

**TOPSERV Limited.**

**vs**

**DESARU Limited.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih is-socjeta' attrici wara li ppremetiet;

Illi s-socjeta' konvenuta Desaru Limited harget u ffirmat seba' kambjali enumerati 840, 841, 842, 844, 845, 846, u 847 a favur is-socjeta' attrici Topserv Limited fl-ammont ta disa' mija u tliet Liri Maltin u tmien centezmi (Lm903.08) kull kambjala,

liema kambjali huma hawn annessi u mmarkati bhala Dokumenti “A” sa “G”;

Illi l-kambjali kollha skadew, u s-socjeta’ konvenuta ma hallset xejn minkejja interpellanzi ghall-hlas u ghalhekk baqghet debitrici versu is-socjeta’ attrici fl-ammont ta’ sitt elef tlett mija wiehed u ghoxrin Lira Maltin u sitta u hamsin centezmi (Lm6321.56), import tal-kambjali fuq imsemmija;

Illi dan il-kreditu ta sitt elef tlett mija u wiehed u ghoxrin liri Maltin u sitta u hamsin centezmu (Lm6321.56) huwa cert, likwidu u dovut, u rappresentant tas-socjeta’ attrici, a tenur tal-artikolu 167 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta bil-gurament tieghu jikkonferma illi sa fejn jaf hu s-socjeta’ konvenuta Desaru Ltd m’ghandhiex eccezzjonijiet x’iggib;

Ghalhekk is-socjeta’ attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m’ghandhiex ghar-ragunijiet fuq imsemmija:

1. Tghaddi biex tiddeciedi fuq it-talba tas-socjeta’ attrici Topserv Ltd. u dan bid-dispensa tas-smigh a tenur tal-artikoli 167 sa 170 tal-Kap 12 tal-Ligijiet Ta’ Malta u dan in vista tad-dikjarazzjoni guramentata ezebita bhala Dokument “H”;

2. Hekk tikkundanna minnufih is-socjeta’ konvenuta thallas l-istess Topserv Ltd is-somma ta’ sitt elef tlett mija wiehed u ghoxrin liri Maltin u sitta u hamsin centezmi (Lm6321.56) hawn fuq imsemmija kif intqal aktar ‘l fuq;

Bl-imghax mid-data tal-iskadenza ta’ kull kambjala sal-gurnata tal-pagament effettiv, u bl-ispejjez kontra s-socjeta’ konvenuta li rappresentanti taghha jibqghu ngunti minn issa ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tas-socjeta’ attrici;

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lis-socjeta’ konvenuta li naqset li tipprezenta nota ta’ eccezzjonijiet u hekk baqghet kontumaci;

Semghet ix-xhieda tas-socjeta’ attrici;

Semghet l-Avukat tas-socjeta’ attrici;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talba dedotta fic-citazzjoni tirruzulta pruvata;

Fil-kontumacja tas-socjeta’ konvenuta tiddeciedi **billi tilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici** kif dedotta fic-citazzjoni b’dan illi tikkundanna minnufih is-socjeta’ konvenuta thallas l-istess Topserv Ltd is-somma ta’ sitt elef tlett mija wiehed u ghoxrin liri Maltin u sitta u hamsin centezmi (Lm6321.56) hawn fuq imsemmija kif intqal aktar ‘l fuq u bl-imghax mid-data tal-iskadenza ta’ kull kambjala sal-gurnata tal-pagament effettiv, u bl-ispejjez kontra s-socjeta’ konvenuta.

## Moqrija

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.**
**16, ta' Novembru, 2000.**

**Charles Falzon**
**Deputat Registratur**
**16, ta' Novembru, 2000.**